MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 5/2011

**Avviz Numru: 2222/JB**

**Anthony Bailey**

**vs**

**Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fid-9 ta’ Frar 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal:-***

***<u>Introduzzjoni</u>***

*Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta’*

*intimata saret b'mod ingust bi ksur tal-Avviz Legali 429 tas-sena 2002 u biex jinghata lilu kumpens gust.*

*Da parti taghha, is-socjeta` intimata rribattiet li r-rikorrent qatt ma kien impjegat taghha, u inoltre li l-istess avviz legali fuq citat kien jeskludi l-applikazzjoni tieghu fil-kaz tar-rikorrent.*

***Fatti***

*Illi r-rikorrent kien gie offrut xoghol partikolari specjalizzat mis-socjeta' intimata biex jizviluppa sistema ta' GSI. Inghata kuntratt ghal sentejn fl-elf disa' mija disgha u disghin (1999), u li gie moghti l-iehor fl-elfejn u wiehed (2001) sal-elfejn u erbgha (2004). Is-socjeta' intimata informatu li ma kinetx ser iggedidlu l-kuntratt wara li jaghlaq.*

*Da parti taghha, il-principal jallega li huwa kien gie ngaggjat fil-kapacita' tieghu ta' konsulenti b'kuntratt ghal servizzi u li qatt ma kien impjegat minnha. Aktar u aktar meta hija kienet topera fis-settur pubbliku u meta setghetx timpjega jekk mhux skont ir-regolamenti dwar l-impjiegi applikabbli ghal socjetajiet simili.*

*Una volta li kienet organizzazzjoni li topera fis-settur pubbliku dak l-avviz legali ma kienx japplika ghaliha.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi z-zewg punti saljenti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet huma:*

*1) id-definizzjoni tar-relazzjoni lavorattiva kontrattwali bejn il-partiijiet*

*2) l-applikazzjoni tal-AL 429 tal-2002.*

*1. Illi l-kontestazzjoni reciproka tirrigwardja l-interpretazzjoni tal-kuntratt ezistenti bejn il-kontendenti. Illi dana ghandu jsir tenut kont ic-cirkostanzi u fatti specie tal-kaz. Anki kif del resto gie redatt il-kuntratt ta' ingagg u l-*

*kondizzjonijiet hemm kontenuti. Ghandu r-rekwiziti kollha li hu wiehed issib f'solivament il-kuntratt ta' impjieg. Hemm id-differenza pero' li r-registrazzjoni mal-ETC, Sigurta` Socjali u Dipartiment tat-Taxxa dwar Valur Mizjud jimplikaw xort ohra. Ir-rikorrent jallega kuntratt ta' servizzi filwaqt li l-principal jallega wiehed ghal servizzi. In-nuqqas ta' carezza adezjoni u presenza ta' ambigwi ta' mhux xi difett limitata nostralment.*

*Di fatti fis-sistema giuridiku Ingliz gew introdotti diversi testijiet biex jelucidaw tali nuqqas ta' qbil.*

*Issir riferenza ghall-awtorita' Ingliz Norman Selwyn. Fil-ktieb tieghu "Law of Employment" 15th Edition f'pagna 40 et seq jipprovdi ghal Control Test, Organisation Test, Mutuality of Obligations", Entrepreneurial Test meta jittratta d-distinzjoni bejn "employee" u "self- employed person."*

*Giet introdott ukoll il-'Multifactorial Approach' li bhala regola jistipula li l-ebda fattur singolari u wahdu ma huwa konklussiv (vide pp 440 op.cit para 2.45 "City East London FHS Authority vs Duncan". F'para 2.46 jistabilixxi liema fatturi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jasal ghal konkluzjoni tieghu.*

*a) the contractual provisions (BSM (1257) Ltd vs Secretary of State for Social Service),*

*b) The degree of control exercised by the employer (Global Plant Ltd vs Secretary of State for Health and Social Security)*

*c) the obligation on the employer to provide work (Nethermere (St Neots) Ltd vs Gardiner)*

*d) the obligation on the employee to do the work (Ahmet vs Trusthouse Forte Catering Ltd)*

*e) the duty of personal service (Ready Mixed Concrete Ltd (South East) vs Minister of Pensions and National Insurance)*

*f) the provision of tools, equipment, instruments, etc (Willy Scheidegger Swiss Typewriting School (London) Ltd vs Minister of Social Security)*

*g) the arrangements made for tax, national insurance, VAT, statutory sick pay (Davis vs New England College of Arundel)*

*h) the opportunity to work for other employers (WHPT Housing Association Ltd vs Secretary of State for Social Services)*

*i) other contractual provisions, including holiday pay, sick pay. Notice, fees, expenses etc (Tyne and Clyde Warehouses Ltd vs Hamerton)*

*j) the degree of financial risk and the responsibility for investment and management (Market Investigations Ltd vs Minister of Social Security)*

*k) whether the relationship of being self-employed is a genuine one, or whether there is an attempt to avoid modern protective legislation (Young & Woods Ltd vs West)*

*l) the number of assignments, the duration of the engagement, and the risk of running bad debts (Hall vs Lorimer)*

*m) the presence or absence of mutuality of the obligation to provide or do work (Carmichaek vs National Power Pic).*

*Minn ezami akkurat tal-kuntratt bejn il-partijiet jirrizultaw dawn il-fatturi specjalment il-fatturi indikat (k).*

*Illi mhux kontestat li r-rikorrent kien jahdem ma' u/jew ghas-socjeta' intimata. Fis-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) kien gie ffirrmat kuntratt. Sussegwentement gie ffirmat iehor fis-sena elfejn u wiehed (2001) sa sena elfejn u erbgha (2004). Kien*

*jistipula diversi kondizjonijiet li huma soliti bhala per ezempju sieghat ta' xoghol, il-post tax-xoghol, leave. Differenza bazika kienet li jhallas bolla tas-Sigurta' Socjali bhala self employed, registrat hekk mal-ETC, tithallas l-VAT fuq ir-reunerazzjoni tieghu. Dana x' jidher prima facie. Fir-realta' pero` r-rikorrent gie prelevat mis-socjeta' intimata minn ohra li kien jahdem precedentement maghha, hallsitlu l-penali, ridietu maghha b'mod urgenti u beda jahdem. Minhabba intoppi amministrattivi burokratici, l-impjieg tieghu ma setax jigi formalizzat. Allura giet kreajata din il-montatura biex tigi evitata r-rikjest legali ta' assunazzjoni ta' impjegat in vista tal-posizzjoni legali specjali li tgawdi l-istess intimata. Is-socjeta' intimata ridietu b'sahha lir-rikorrent u ghalhekk gie redatt kif gie redatt il-kuntratt lavorattiv sia fis-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u sia fis-sena elfejn u wiehed (2001).*

*2. Illi r-rikorrent jikkontendi li l-A.L 429 tal-2002 huwa applikabbli stante li s-socjeta` intimata mhux organizzazzjoni fis-settur pubbliku. In-natura tal-kostituzzjoni taghha, il-kontroll mhux komplet governattiv, il-kummerc li tezercita huma elementi li jinumilitaw kontra l-pretensjoni intimata. Pero` cirkolari numru OPM 4066/97 mahrug fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) wara approvazzjoni mill-Kabinett tal-Ministri jipprovdi ghall-inkluzjoni tal-Maltacom plc fit-termini ta' organizzazjoni fis-settur pubbliku. Kull fejn il-Gvern ikollu interess u/jew investiment dana jikkostitwixxi partecipazzjoni ghas-settur pubbliku fil-kummerc. Una volta huwa hekk allura l-Art. 7 (5) tal-Avviz Legali fuq citat huwa ghalhekk applikabbli. Ghal kull bon fini, din is-sitwazzjoni giet remedjata bl-introduzzjoni tal-Art 7 (1) tal-Avviz Legali wiehed u hamsin (51) tas-sena elfejn u sebgha (2007.) Dan jkompli jsahhah l-interpretazzjoni moghtija aktar 'il fuq.*

*Aktar minn hekk it-Tribunal huwa marbut bl-Art (80) (1) (4) tal-Kap 425 meta jasal ghad-decizjoni tieghu. Ghandu jqis il-politika socjali tal-Gvern bazata fuq principji ta' gustizzja socjali u htigijiet ta' kull pjan nazzjonali ta' zvilupp u politika ekonomika ohra tal-Gvern li jkun qed jigi mwettqa u li tghin fit-twettiq ta' kull politika u pjani bhal dawn.*

*Inoltre t-Tribunal ma ghandux imur kontra li jigi jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*

*Allura s-socjeta` intimata kienet gustifikata meta ma rrenovatx il-kuntratt lir-rikorrent. Din l-anomalija pero' giet sanata bil-avviz fuq citat.*

*Illi dan l-avviz gie introdott sussegwentement ghal kaz tar-rikorrent. Lanqas mhux il-kaz li jigi applikat il-principju tal-ius superveniens stante li mhux applikabbli.*

***<u>Konkluzjoni</u>***

*It-Tribunal jiddeciedi li ghalkemm il-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet kien wiehed ta' servizz u s-socjeta' intimata kellha dritt ai termini tal-A.L erba' mija u disgha u ghoxrin (429) tal-elfejn u tnejn (2002) li ma ggedditx l-istess kuntratt.*

*Ghal fini ta' tassazzjoni qed jigi ffissata s-somma ta' tmenin ewro (€80)".*

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Anthony Bailey (ID Nru 663058M) datat 21 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Go plc (C22334) gia Maltacom plc datata 7 ta' Marzu 2011 a fol 12 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li l-appell ghandhu jigi michud izda interponiet appell incidentali billi tikkonfermaha fil-parti kif indikat fl-istess rikors izda tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali billi tiddeciedi li l-kuntratt bejn il-partijiet kien wiehed ta' servizz u li l-appellant ma kienx impjegat tas-socjeta' intimata u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-appellant Anthony Bailey.

Rat ir-risposta tal-appellant Anthony Bailey datata 10 ta’ Mejju 2011 ghall-appell incidentali tas-socjeta’ appellata b’dan li ghar-ragunijiet hemm premessi ssottomettiet li l-appell incidentali ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Alessia Zammit McKeon ghall-appellanti u Dr. Pawlu Lia ghas-socjeta` appallata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta’ Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 9 ta’ Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell tal-appellant Anthony Bailey huwa limitat ghall-konkluzjoni tat-Tribunal Industrijali fid-decizjoni appellata fejn gie ritenut li s-socjeta’ appellata kellha d-dritt skond id-disposizzjonijiet tal-**Avviz Legali Numru 429/2002** u dan ghaliex (a) kontrarjament ghal dak ritenut s-socjeta’ appellata dan ma kienx impjieg fis-settur pubbliku skond dak stipulat fl-**artikolu 7 (5)** tal-imsemmi avviz, izda impjieg ma’ socjeta’ kummercjali u hawn jidher li t-Tribunal strah esklussivament fuq Cirkolari OPM 4066/97 tad-29 ta’ Marzu 2003, meta din ic-Cirkolari ma hijiex ligi; (b) kellha tigi applikata d-Direttiva 1999/70/KE datata 28 ta’ Gunju 1999 li ma gietx applikata fl-**artikolu 7 (5) tal-Avviz Legali** msemmi, li ghalkemm rimedjata bl-**Avviz 51/2007** u **52/2007**, kellha u ghandha effett dirett skond l-**artikolu 249 tat-Trattat** u allura kellha tapplika bhala parti mill-Ligi Maltija minkejja d-disposizzjonijiet tal-**Avviz Legali 429/2002.**

Illi minn naha l-ohra l-appell incidentali tas-socjeta' appellata huwa fis-sens li l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta' servizz fit-termini tal-ligi.

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant din il-Qorti thoss li huwa gustifikat ghaliex is-socjeta' intimata, mill-provi prodotti jirrizulta li hija socjeta' kummercjali u mhux organizzazzjoni fis-settur pubbliku tant li ma hijiex imsemmija jew indikata bhala tali fl-**Avvizi Legali 299/2003 u 177/2005** li jirregolaw il-kuntratti l-pubblici u s-socjeta' appellata ma hijiex indikata bhala wahda mill-entitajiet li ghalihom tapplika l-istess. L-istess jista' jinghad ghall interpretazzjoni mill-ufficju Nazzjojali tal-Istatistika (NSO) li tikkonsidra bhala "settur pubbliku" tlett kategoriji u cjoe' *"public majority organisations, government entities classified as independent statutotory bodies u government departments and ministries"* u hawn din il-Qorti tirreferi ghall paragrafu 13 tar-rikors tal-appellant u thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern hija tadotta dak hemm sottomess.

Illi ma dan jizdied jinghad li jidher li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali ibbazat ruhha fuq il-kontenut tac-Cirkolari Numru OPM 4066/97 datata 29 ta' Marzu 2003 fejn is-socjeta' intimata jidher li bl-approvazzjoni tal-Kabinett gie inkluza *"fit-termini ta' organizzazzjoni fis-settur Pubbliku".* Izda tali cirkolari ma' ghandhiex il-portata ta' ligi izda hija biss linja gwida ta' *policy* li giet adottata f'dan il-kaz partikolari mill-Gvern, izda ma tistax titqies bhala ligi li hija enforzabbli izda biss l-iktar l-iktar bhala direzzjoni jew fl-ahjar ipotesi interpretazzjoni jew mod kif l-amministrazzjoni qed tissugerixxi li f'dak il-kaz l-istesss regola ghandha tigi tigi implimentata u fil-fatt hawn issir riferenza ghal dak li inghad minn **David Foulkes** fil-ktieb **Administrative Law (Buttorworths 1990 – Seventh Edition pagni 71 – 73)** fejn jinghad li *"A circular may contain advice or guidance as to the exercise by the recipients of their powers ....the circular has no legal status.....".* Apparti dan lanqas jidher li l-istess cirkolari kkonsidrat lis-socjeta' intimata bhala organizzazzjoni fis-settur pubbliku, tant li fl-istess Cirkolari jinghad li ghall dak

l-iskop u s’intendi ghall dak iz-zmien l-istess socjeta’ giet inkluza fit-termini ta’ organizzazzjoni fis-settur pubbliku. Kieku hija kienet fis-settur pubbliku, lanqas kien hemm bzonn din ic-Cirkolari, izda tali Cirkolari allura riedet li f’dak iz-zmien u ghall dak hemm indikat biss tali socjeta’ tigi kkonsidrata bhal entitajiet l-ohra li huma fis-settur pubbliku. Dan allura jkompli jikkonferma li l-istess socjeta’ intimata ma kienitx ikkunsidrata u lanqas hija kkonsidrata bhala parti mis-settur jew organizzazzjoni fis-settur pubbliku.

Illi fil-fatt mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ appellata hija socjeta’ kummercjali mill-aspetti kollha taghha, nkluzi dawk legali, amministrattivi u manigerjali, hija kwotata fil-Borza ta’ Malta bl-ishma taghha li jinbieghu skond il-ligi fis-suq  hija gestita kollha kemm hi mill-privat (Dok. “F”). Ghalkemm il-Gvern kien azzjonista bhall interessi privati, is-socjeta’ appellata ma toperax fis-settur pubbliku izda tikkompeti fuq firxa wiesgha ta’ servizzi fil-qasam tat-telekommunikazzjonijiet ma’ socjetajiet kummercjali ohra li joffru servizzi simili. Ma dan jinghad li hija bl-ebda mod ma’ taqa’ taht il-kontroll tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u konsegwenti ghal dan kollu lanqas jista’ mpjegat taghha jigi kkunsidrat bhala “ufficjal pubbliku” kif imfissra fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u allura ghall-iskop tal-Kap. 452 l-istess impjegat tas-socjeta’ appellata ma jistax jitqies bhala detentur ta’ xi kariga pubblika jew persuna mahtura biex tagixxi f’xi kariga bhal dik.

Illi l-appellant ghamel ukoll riferenza ghad-**Direttiva tal-Kummissjoni Ewropea numru 2003/98/EC tas-17 ta’ Novembru 2003** li taghti tifsira ta’ “organizzazzjoni fis-settur pubbliku” u dawn gew indikati bhala li huma fejn *“the State, regional or local authorities, bodies governed by public law and associations formed by one or several such authorities or one or several such bodies governed by public law”* u *“governed by public law”* gie kwalifikata bhala li tfisser:-

- *“any body established for the specific purpose of meeting needs in the general interest, not having an industrial or commercial character; and*

- *any body having legal personality; and*
- *any body financed, for the most part by the State, or regional or local authorities, or other bodies governed by public law; or subject to management supervision by those bodies; or having an administrative managerial or supervisory body, more than half of its members are appointed by the State, regional or local authorities or by other bodies governed by public law".*

Illi proprju f'dan il-kuntest jinghad li jirrizulta li s-socjeta' appellata ma hijiex parti u lanqas tista' tigi kkonsidrata bhala parti mis-settur pubbliku u ic-Cirkolari 4066/97 tad-29 ta' Marzu 2003, konxja minn dan ikkonsidrat li ghal dak l-iskop tali socjeta' tigi trattata bhal tali, izda dan ma jfissirx kif qalet is-socjeta' appellata fir-risposta taghha li b'hekk *"kien konfermat li l-Maltacom kienet wahda mill-kumpaniji/organizzazzjoni fis-settur pubbliku...",* anzi tali kliem tal-istess Cirkolari juri li ghalkemm ma kienitx parti mis-settur pubbliku, f'dak iz-zmien partikolari u ghall-iskop biss hemm indikat tali direttiva tal-Gvern kellha testendi ghall-imsemmija socjeta' ghaliex altrimenti ma' kienx ikun il-kaz. Dan bl-ebda mod ma jbiddel in-natura tas-socjeta' appellata bhala socjeta' kummercjali u mhux parti mill-organizzazzjoni tas-settur pubbliku, u dan kollu sfortunatament gie injorat mit-Tribunal Industrijali li jirrizulta li f'paraghrafu wiehed u uniku injora l-fatti kollha esposti quddiemu nkluzi is-sottomissjonijiet dettaljati tal-appellanti nkluz in-natura tal-kostituzzjoni taghha, il-kontroll mhux komplet governattiv, il-kummerc li tezercita li skond l-istess Tribunal *"huma elementi li jimmilitaw kontra l-pretensjoni intimata"* u minflok ha li Cirkolari imsemmija bhala Ligi, li ma hijiex, u kkonsidra allura li l-impjieg tal-appellant mas-socjeta' appellanti huwa wiehed fl-impjieg tas-settur pubbliku skond u japplika l-**artikolu 7 (5) tal-Avviz Legali 429/2002**, li mhux il-kaz. Il-konsegwenza ta' din id-decizjoni hija li l-Avviz Legali japplika ghall-appellant odjern u ghas-socjeta' appellata.

Illi dwar l-appell incidentali tas-socjeta' appellata dan huwa fis-sens li hija ta' taqbilx li l-kuntratt li kien jezisti bejn il-partijiet kien kuntratt ta' servizz, izda kien kuntratt

ghall servizz u allura mhux kuntratt tax-xoghol izda kuntratt ta' appalt skont l-**artikol 1633 – 1644 tal-Kap. 16.**

Illi fl-ewwel lok dwar il-punt imqajjem mill-appellant li dan l-appell incidentali dan huwa punt ta' fatt mhux appellabbli quddiem din il-Qorti jinghad li l-appell incidentali huwa dwar interpretazzjoni tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet (apparti interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Ligi) u kif indikat fis-sentenza **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) dan fih innifsu huwa punt ta' dritt appellabli quddiem il-Qorti u din il-Qorti taghmel riferenza pjena ghal dak ritenut fl-istess decizjoni.

Illi dwar il-mertu tal-appell incidentali jinghad li qed tibbaza l-aggravju taghha fuq il-punt li ghalkemm huwa minnu li *"when the terms 'employee or 'servant' are used, this assumes the existence of a contract of employment or a contract of service as distinct from a contract of services under which a person (referred to as an "independent contractor") performs services under contract for another person"* (**M. Wright – Labour Law),** l-istess socjeta' appellata sostniet li bejn kuntratt ta' mpjieg u kuntratt ta' appalt wiehed irid jara *"the power of selection, the payment of wages, national insurance stamps, income tax, holiday monies and pensionsm and the power to suspend and dismiss ara all relevant features which need to be taken into account"* (**Selwyn's Law of Employment (2006) pg. 43.** *"It is the essence of the arrangement rather than the form, which is the determinant factor"* (**Tyne and Clyde Warehouses Ltd. vs Hamerton** – op. cit. pg.44). F'dan is-sens is-socjeta' isostni li il-fatt li fil-kuntratt hemm riferenza ghall-kliem bhal *employer, employee,* u *salary* ma jbiddlu xejn min-natura tal-kuntratt bhala dak ta' appalt ghaliex jidher li l-appellant kien ingaggat ghall skomp specifiku , kien hemm hlas ta' remunerazzjoni *gross*, kellu jsir minnu hlas tal-VAT, it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet socjali kellhom jithallsu minnu, nuqqas ta' hlas ta' bonus, li taht certu cirkostanzi specifici setgha jissosspendi s-servizzi tieghu minhabba mard *etc*., u jibqa' jithallas, nuqqas ta' hlas ta' bonus tal-Gvern, u d-dritt li s-socjeta' appellata f'kull zmien

tittermina l-impjieg tieghu, fid-diskrezzjoni assoluta taghha minghajr ma tinkorri l-penalitajiet tal-ligi.

Illi dan l-argument jeskludi ghal kollox il-bazi ta' dak li t-Tribunal Industrijali sostna sabiex wasal ghall-konkluzjoni li l-kuntratt moghti lill-appellant kien wiehed ta' xoghol u servizz u mhux ta' appalt tant li sostna li:-

*"Illi mhux kontestat li r-rikorrent kien jahdem ma' u/jew ghas-socjeta' intimata. Fis-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) kien gie ffirrmat kuntratt. Sussegwentement gie ffirmat iehor fis-sena elfejn u wiehed (2001) sa sena elfejn u erbgha (2004). Kien jistipula diversi kondizjonijiet li huma soliti bhala per ezempju sieghat ta' xoghol, il-post tax-xoghol, leave. Differenza bazika kienet li jhallas bolla tas-Sigurta' Socjali bhala self employed, registrat hekk mal-ETC, tithallas l-VAT fuq ir-reunerazzjoni tieghu. Dana x' jidher prima facie. Fir-realta' pero` r-rikorrent gie prelevat mis-socjeta' intimata minn ohra li kien jahdem precedentement maghha, hallsitlu l-penali, ridietu maghha b'mod urgenti u beda jahdem. Minhabba intoppi amministrattivi burokratici, l-impjieg tieghu ma setax jigi formalizzat. Allura giet kreajata din il-montatura biex tigi evitata r-rikjest legali ta' assunazzjoni ta' impjegat in vista tal-posizzjoni legali specjali li tgawdi l-istess intimata. Is-socjeta' intimata ridietu b'sahha lir-rikorrent u ghalhekk gie redatt kif gie redatt il-kuntratt lavorattiv sia fis-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u sia fis-sena elfejn u wiehed (2001)".*

Illi dan sar wara li l-istess Tribunal sostna li:-

*"1. Illi l-kontestazzjoni reciproka tirrigwardja l-interpretazzjoni tal-kuntratt ezistenti bejn il-kontendenti. Illi dana ghandu jsir tenut kont ic-cirkostanzi u fatti specie tal-kaz. Anki kif del resto gie redatt il-kuntratt ta' ingagg u l-kondizzjonijiet hemm kontenuti. Ghandu r-rekwiziti kollha li hu wiehed issib f'solivament il-kuntratt ta' impjieg. Hemm id-differenza pero' li r-registrazzjoni mal-ETC, Sigurta` Socjali u Dipartiment tat-Taxxa dwar Valur Mizjud jimplikaw xort ohra. Ir-rikorrent jallega kuntratt ta' servizzi filwaqt li l-principal jallega wiehed ghal servizzi. In-nuqqas*

*ta' carezza adezjoni u presenza ta' ambigwi ta' mhux xi difett limitata nostralment.*

*Di fatti fis-sistema giuridiku Ingliz gew introdotti diversi testijiet biex jelucidaw tali nuqqas ta' qbil.*

*Issir riferenza ghall-awtorita' Ingliz Norman Selwyn. Fil-ktieb tieghu "Law of Employment" 15th Edition f'pagna 40 et seq jipprovdi ghal Control Test, Organisation Test, Mutuality of Obligations", Entrepreneurial Test meta jittratta d-distinzjoni bejn "employee" u "self- employed person."*

*Giet introdott ukoll il-'Multifactorial Approach' li bhala regola jistipula li l-ebda fattur singolari u wahdu ma huwa konklussiv (vide pp 440 op.cit para 2.45 "City East London FHS Authority vs Duncan". F'para 2.46 jistabilixxi liema fatturi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jasal ghal konkluzjoni tieghu.*

*a) the contractual provisions (BSM (1257) Ltd vs Secretary of State for Social Service),*

*b) The degree of control exercised by the employer (Global Plant Ltd vs Secretary of State for Health and Social Security)*

*c) the obligation on the employer to provide work (Nethermere (St Neots) Ltd vs Gardiner)*

*d) the obligation on the employee to do the work (Ahmet vs Trusthouse Forte Catering Ltd)*

*e) the duty of personal service (Ready Mixed Concrete Ltd (South East) vs Minister of Pensions and National Insurance)*

*f) the provision of tools, equipment, instruments, etc (Willy Scheidegger Swiss Typewriting School (London) Ltd vs Minister of Social Security)*

*g) the arrangements made for tax, national insurance, VAT, statutory sick pay (Davis vs New England College of Arundel)*

*h) the opportunity to work for other employers (WHPT Housing Association Ltd vs Secretary of State for Social Services)*

*i) other contractual provisions, including holiday pay, sick pay. Notice, fees, expenses etc (Tyne and Clyde Warehouses Ltd vs Hamerton)*

*j) the degree of financial risk and the responsibility for investment and management (Market Investigations Ltd vs Minister of Social Security)*

*k) whether the relationship of being self-employed is a genuine one, or whether there is an attempt to avoid modern protective legislation (Young & Woods Ltd vs West)*

*l) the number of assignments, the duration of the engagement, and the risk of running bad debts (Hall vs Lorimer)*

*m) the presence or absence of mutuality of the obligation to provide or do work (Carmichaek vs National Power Pic).*

*Minn ezami akkurat tal-kuntratt bejn il-partijiet jirrizultaw dawn il-fatturi specjalment il-fatturi indikat (k)".*

Illi ma tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz li jidher car li sabiex jigi ingaggat l-appellant mas-socjeta' appellata kien hemm certu proceduri li kellhom jigu sewgiti mal-ETC, u s-socjeta' appellata ma riditx tistenna li dan isehh, izda riedet taghti kuntratt urgenti lill-appellent, sar dan it-tip ta' kuntratt li dahal ghall-ewwel darba fis-sehh fis-7 ta' Lulju 1999 u kien jiskadi fis-6 ta' Lulju 2001 li kien jikkontempla l-hlasijiet tas-Sigurta' Socjali u Vat mill-appellant, izda fil-maggor parti l-kuntratt jinkorpora kundizzjonijiet li huma attribwiti ma' impjieg regolari

fosthom “salarju”, “ghoxrin gurnata leave fis-sena”, “20 gurnata *sick leave* u ohra *half pay*” u kien ghalhekk li l-istess Tribunal sostna li dan kien kuntratt ta’ impjieg izda li sar bil-forma li sar sabiex tigi evitat l-intopp li kien hemm proceduralment sabiex jigu evitati certu proceduri li kienu ta’ ostakolu dak iz-zmien ghall-ingagg tieghu mal-istess socjeta’, u f’dan il-kuntest jidher li llum l-istess socjeta’ appellata qed tipprova terga tuza din il-formula sabiex iccahhad lill-appellant mid-drittijiet li huwa llum ghandu skond il-Ligi Maltija.

Illi f’dan il-kuntest ma hemmx dubju li min harsa tal-kuntratt ta’ bejn il-partijiet dan huwa ghal kull effett u fini tal-ligi kuntratt ta’ impjieg tant li l-istess kuntratt jaghmilha cara li hemm relazzjoni ta’ *“employment”* bis-socjeta’ appellata tkun l-*employer* u l-appellant ikun l-*employee* tant li l-kuntratt datat 9 ta’ Lulju 2001 jaqra hekk:-

*“1.01 The Employer engages the Employee and the Employee accepts employment with the Employer as GIS Consultant and to exercise such funtions and perform such duties within the Maltacom plc as herein contained”.*

*“1.02. The functions and duties of the Employee shall be determined by the Group Technichal Director or any member of the Executive Management Commitee of Maltacom plc or the Chairman and Board of Directors of Maltacom plc. Moreover the Employee may be requested to offer services to Maltacom subsidiary companiesm and this will not result in an increase in the consultancy fee. Whereever the term Group Technical Director occurs in this contract, it shall also be construed to include any member of the Executive Management Committee of Maltacom plc or the Chairman and the Board of Directors of Maltacom plc”.*

Illi din il-Qorti rat il-kondizzjonijiet l-ohra kollha tal-kuntratt inkluzi artikoli, 3, 4, sa 11 tal-kuntratt u ma hemm ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet dik ta’ impjegat (*employee*) u principal (*employer*) u li l-istess appellant kien taht il-kontroll assolut u esklussiv tas-socjeta’ appellanti tant li fi klawsola

4.03.1 inghad li *"the Employee agrees to render his services exclusively to the Employer and shall not without the consent of the Employer carry on or be engaged in or have an interest in* <u>*any*</u> *other economic activity, business, trade or calling whatsoever".* Mela allura hawn mhux qed nitkellmu kif indikat is-socjeta' appellata dwar biss *"the mere fact that a claimant looked like an employee of the end user, acted like an employee and was treated like an employee does mot mean that he is in fact an employee or that the tribunals should therefore imply a contract of employment"* **(Heatherwood & Wexham Park Hospital NHS Trust v Kulubowila: Astbury v Gist,** *op. cit. update April 2007*), izda dwa relazzjoni definita u stabbilita ta' *principal* u impjegat, dwar xoghol totalment in kontroll tal-*principal* f'dan li f'dan il-kuntest hemm sodisfatt kemm il-<u>*"control test"*</u> u cjoe' *"did the person alleged to be the employer control the alleged employeem both in respect of what work was done and as regards the manner of performance of that work?"* u t-twegiba ghall dan hija iva bla ebda dubju, kif ukoll <u>*"the integration test"*</u> li skond **Denning L.J.** fil-kaz **"Stevenson, Jordan and Harrison v. Macdonald and Evans" (1952)** sostna li *"one feature which seems to run through the instances is that, under a contract of service, a man is employed as part of the business, and his work is dine as an integral part of the business; whereas, under a contract for services, his work, although done for the business, is not integrated into it but is only accessory to it".* Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz l-introduzzjoni tat-teknologija tal-GIS fis-socjeta' appellata kienet ta' importanza vitali peress li r-*records* u l-operat tal-*Line Plant* kien ghadu l-bicca kbira manwali u mhux marbuit mal-attivitajiet kummercjali, u dan tant kien importanti ghas-socjeta' appellata li hija hallset in-*notice period* li kellu jhallas l-appellant sabiex jinhall mill-impjieg precedenti tieghu. F'dan il-kuntest jirrizulta li l-appellant taht il-kuntratt li kellu kien jaqa' fid-definizzjoni ta' "impjegat" taht l-**Kap. 452** u cjoe' *"persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor, u taht id-direzzjoni u l-kontroll ta' persuna ohra, u tinkludi haddiem ta' barra, izda tesskludi xoghol hew servizz moghti fi sfond professjonali jew bhala kuntrattur*

*ghal persuna ohra meta dak ix-xoghol jew servizz ma jkunx minn kuntratt ta' servizz specifiku".* F'dan il-kuntest l-appellant kien fattwalment u legalment impjegat tas-socjeta' appellata u allura in vista ta dak hawn deciz kellu jekk japplika jigi kkunsidrat bhala impjegat sabiex jiehu beneficcju ghall dak li jipprovdi l-**artikolu 7 tal-Avviz Legali 429/2002** u allura ikun hemm konverzjoni awtomatika tal-kuntratt tax-xoghol definit tieghu ghal wiehed indefinit u dan jekk jigi ppruvat li l-impjegat ghandu jkollu kontinwu ghal aktar minn 4 snin.

Illi f'dan il-kaz il-ligi tispecifika li l-impjieg kontinwu jitqies ukoll fil-kaz fejn il-kuntratt definit jigi mgeddet fi zmien sitt (6) xhur minn dak precedenti. F'dan il-kaz, l-ewwel kuntratt kien ta' sentejn ghall-perjodu ta' bejn is-7 ta' Lulju 1999 u s-6 ta' Lulju 2001. It-tieni kuntratt ghall-perjodu ta' tlett (3) snin dahal fis-sehh fis-7 ta' Lulju 2001 sas-6 ta' Lulju 2004. Ghalhekk l-appellant kien ilu impjegat mas-socjeta' appellata ghall-perjodu kontinwu ta' hames (5) snin u li skond dan l-artikolu, dan l-impjieg ghandu jikkonverti ruhu ghal wiehed definittiv (**"Victor Hili vs Bank of Valletta plc."** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009). La darba l-**Avviz Legali 429/2002** pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Dicembru 2002 ma hemmx dubju li japploka ghall kaz in ezami, tenut kont tal-fatt li l-impjieg tal-appellant gie ritenut b'din is-sentenza bhala wiehed li mhux mas-servizz pubbliku izda ma' socjeta' kummercjali u allura sabiex japplika ghall appellant ma hemmx bzonn l-emenda li dahhlet bl-**Avviz Legali 51 ta' l-2007.** Wisq inqas ghandha tidhol il-Qorti fuq l-effett tad-**Direttiva 2003/98/EC** tas-17 ta' Novembru 2003, ghaliex dak li din il-Qorti applikat u li huwa applikabbli hija l-Ligi Maltija skond l-**Avviz Legali 429/2002** li tikkonferma li hija direttament bejn l-appellant u s-socjeta' appellata.

Illi tenut kont ta' dan kollu dan ifisser li kien meta s-socjeta' appellata avzat b'ittra datata 14 ta' April 2004 (Dok. "AB 2") avzat lill-appellant li ma kienitx ser iggeded il-kuntratt tax-xoghol tal-appellant wara l-iskadenza tat-30 ta' Gunju 2004, l-istess socjeta' kienet qed tagixxi abbuzivament u kontra l-ligi meta ma kkonvertitx kuntratt ta' impjieg ghall zmien definit ghall wiehed ta' kuntratt tax-

xoghol ghall zmien indefinit skond l-**artikolu 7 tal-Avviz Legali 429/2002** u allura l-appellant ghandhu dritt ghar-rimedju u talvolta kkompens skond il-Ligi u kif mitlub anke kif provdut fl-**artikolu 8 tal-Avviz Legali 429/2002,** u allura in vista ta' dak hawn deciz din il-Qorti qed tibghat lura u tirrinvija l-atti kollha processwali ta' dan il-kaz lit-Tribunal Industrijali sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jillikwida l-kumpens xieraq u adegwat dovut mis-socjeta' appellata skond il-ligi u ghalhekk jigu determinati it-tieni u t-tielet talba tal-appellant quddiem it-Tribunal Industrijali fid-dikjarazzjoni tieghu datata 29 ta' Settembru 2004 u dan sabiex l-istess Tribunal Industrijali jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' r-risposta tal-appellant Anthony Bailey datata 10 ta' Mejju 2011 ghall-appell incidentali tas-socjeta' appellata, u tichad l-appell incidentali tas-socjeta' Go plc datat 7 ta' Marzu 2011, u fil-waqt li dwar l-appell principali tal-appellant Anthony Bailey** tichad ukoll ir-risposta ta' l-appell tas-socjeta' appellanti Go plc datata 7 ta' Marzu 2011, **tilqa' l-appell tal-appellanti Anthony Bailey fir-rikors tal-appell tieghu datat 21 ta' Frar 2011** u dan fis-sens hawn deciz, b'dan li tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi **Kaz. Numru 2222/JB "Anthony Bailey vs Maltacom Plc dwar tkeccija allegatament ingusta minhabba ksur tal-Avviz Legali 429 ta' l-2002" (Decizjoni Numru 2052)"** datata 9 ta' Frar 2011, b'dan li tikkonfermaha in kwantu irriteniet li l-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet kien wiehed ta' servizz, izda minflok tirriformaha u tvarja d-decizjoni appellata u minflok taqta` u tiddeciedi li tilqa' t-talbiet tal-appellanti kif minnu proposti fir-rikors tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, fis-sens li qed jigi ddikjarat li s-socjeta' appellata kecciet u tterminat l-impjieg maghha tal-appellant Anthony Bailey ingustament, abbusivament u bi ksur tal-**Avviz Legali 429/2002** u ghalhekk tirrinvija u tibghat lura l-atti processwali ta' dan il-kaz lit-Tribunal Industrijali sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jillikwida l-

kumpens xieraq u adegwat dovut mis-socjeta’ appellata skond il-ligi u ghalhekk jigu determinati it-tieni u t-tielet talba tal-appellant quddiem it-Tribunal Industrijali fid-dikjarazzjoni tieghu datata 29 ta’ Settembru 2004, u b’hekk l-istess Tribunal Industrijali jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ appellata/intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------